

31999L0097

23.12.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 331/67

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 1999/97/KE

tat-13 ta' Diċembru 1999

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/21/KE li tikkonċerna l-infurzar, fir-rigward ta' bastimenti li jużaw l-portijiet tal-Komunità u li jbaħħru fl-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri, ta' standards internazzjonali għas-sigurtà tal-bastimenti, għall-prevenzjoni ta' tniġġis u għall-kondizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol abbord (kontroll portwali ta' l-Istat)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 95/21/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 li tikkonċerna l-infurzar, fir-rigward ta' bastimenti li jużaw il-portijiet tal-Komunità u li jbaħħru fl-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri, ta' standards internazzjonali għas-sigurtà tal-bastimenti, għall-prevenzjoni ta' tniġġis u għall-kondizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol abbord (kontroll portwali ta' l-Istat) ⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 98/42/KE ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 19 tagħha,

- (1) Billi huwa meħtieġ li wieħed jagħti każ l-emendi li daħlu fis-seħħ fir-rigward tal-konvenzjonijiet, tal-protokoll, tal-kodiċi u tar-riżoluzzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), u l-iżviluppi fi ħdan il-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi (MOU Pariġi);
- (2) Billi l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar bastimenti li jinżammu fil-portijiet tal-Komunità skond id-Direttiva 95/21/KE tista' tkun ta' inċentiv għas-sidien tagħhom biex jieħdu azzjoni korrettiva mingħajr ma jkunu mġiegħla jagħmlu hekk, u tista' tqajjem kuxjenza dwar sigurtà fl-industrija tat-trasport bil-baħar;
- (3) Billi għal dan l-iskop, il-lista ta' informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata trid tiġi mkabbra, l-aktar sabiex tinkludi aktar informazzjoni dettaljata dwar il-vapur involut, iż-żamma u l-azzjoni meħuda, kif ukoll informazzjoni dwar bastimenti li ġew miċħuda aċċess għall-portijiet Komunitarji; billi għandu jiġi stabbilit b'mod aktar ċar fejn jinsabu n-nuqqasijiet li wasslu għaż-żamma tal-bastiment fl-isfond tar-responsabbiltajiet ta' l-istħarriġ tas-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni; billi l-effiċjenza ta' miżuri ta' din ix-xorta għandha tiġi msaħħa permezz ta' pubblikazzjoni aktar frekwenti ta' informazzjoni, fuq bażi ta' kull xahar;
- (4) Billi t-titjib tat-trasparenza fir-rigward tad-data li għandha x'taqsam ma' l-ispezzjonijiet ta' bastimenti huwa element neċessarju u importanti għall-promozzjoni tal-kwalità fit-trasport bil-baħar kemm ġewwa l-Komunità u madwar id-dinja; billi l-metodi sabiex din l-informazzjoni ssir disponibbli b'mod aktar wiesgħa u tempestiv għandhom jiġu definiti f'kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni;

- (5) Billi l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex ineħħu kull ostakoli legali għall-pubblikazzjoni tal-lista ta' bastimenti spezzjonati, miżmuma jew miċħuda aċċess għal xi port tal-Komunità, b'mod partikolari permezz tal-modifikazzjoni, fejn xieraq, tal-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom dwar il-protezzjoni tad-data;
- (6) Billi l-fattur ta' mira ġenerali deskritt fl-Anness I, il-Parti II, tad-Direttiva 95/21/KE irid jiġi mtejjeb fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tagħha; billi l-valur tal-fattur tal-mira jista' jiġi aġġustat ta' spiss fil-qafas ta' l-MOU ta' Pariġi u jista' jiġi sussegwentement inkorporat fis-sistema Sirenac; billi huwa biżżejjed jekk tiġi kkonsultata d-database tas-Sirenac sabiex wieħed ikun jaf il-fattur tal-mira ta' bastiment; billi għaldaqstant ma jidherx li huwa meħtieġ li dan il-valur jiġi inkorporat fid-Direttiva 95/21/KE;
- (7) Billi l-lista ta' ċertifikati u dokumenti li għalihom issir referenza fl-Anness II tad-Direttiva 95/21/KE għandhom jiġu mmodifikati sabiex jiġu meqjusa l-emendi li daħlu għar-rigward tal-leġislazzjoni internazzjonali;
- (8) Billi l-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE ⁽³⁾, kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 98/74/KE ⁽⁴⁾,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Id-Direttiva 95/21/KE hija emendata skond kif ġej:

1. L-Artikolu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:
 - (a) fil-punt 1, il-kliem "fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1998" għandu jiġi mibdul bi "fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999";
 - (b) fil-punt 2, il-kliem "kif inhu fl-14 ta' Jannar 1999" għandu jiġi mibdul bi "kif inhu fl-1 ta' Lulju 1999".

⁽¹⁾ ĠU L 157, tas-7.7.1995, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 184, tas-27.6.1998, p. 40.⁽³⁾ ĠU L 247, tal-5.10.1993, p. 19.⁽⁴⁾ ĠU L 276, tat-13.10.1998, p. 7.

2. L-Artikolu 15 hu mibdul b'dan li ġej:

“L-Artikolu 15

Rilaxx ta' informazzjoni

1. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa sabiex taċċerta li l-informazzjoni elenkata fl-Anness VIII, il-Parti I, dwar il-bastimenti miżmuma, jew li huma soġġetti għal każha ta' aċċess għal port ta' dan l-Istat Membru matul ix-xahar ta' qabel, tiġi ppubblikata ta' mill-inqas kull xahar.

2. L-informazzjoni disponibbli fis-sistema Sirenac dwar bastimenti spezzjonati fil-portijiet ta' l-Istati Membri, imsemmija fl-Anness VIII, il-Parti I u l-Parti II, għandha ssir pubblika permezz ta' arranġamenti tekniċi approprijati, kemm jista' jkun malajr wara li tkun tlestiet l-ispezzjoni, jew wara li tkun tneħħiet iż-żamma.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkoopearaw sabiex jistabbilixxu l-arranġamenti tekniċi xierqa imsemmija fil-paragrafu 2.

4. Fejn approprijat, is-sistema ta' informazzjoni Sirenac hija emendata sabiex timplimenta r-rekwiżiti hawn fuq imsemmija.”

3. L-Anness I huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

4. L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Partita 2, is-seba' inċiż, hija mibdula b'dan li ġej:

“- Ċertifikat ta' eżenzjoni li jinkludi, fejn xieraq, il-lista tal-merkanzija.”

(b) Dan li ġej huwa inserit wara l-Partita 28:

“29. Pjan ta' amministrazzjoni ta' l-iskart u ktieb ta' reġistru ta' l-iskart.

30. Sistema ta' appoġġ ta' deċiżjonijiet għall-kaptani tal-bastimenti tal-passiġġiera.

31. Pjan ta' kooperazzjoni SAR għal bastimenti tal-passiġġiera fuq rotot fissi.

32. Lista ta' limitazzjonijiet ta' operazzjoni għal bastimenti tal-passiġġiera.

33. Fuljett ta' *bulk carrier*.

34. Pjan ta' tagħbija u ta' ħatt għal *bulk carriers*.”

5. Anness VIII ġdid huwa miżjud kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrativi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan minnufih.

Meta dawn id-dispożizzjonijiet jiġu adottati mill-Istati Membri, għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza ta' din ix-xorta fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura li permezz tagħha għandha ssir din ir-referenza għandha tiġi stabbilita mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali, li huma jadottaw fil-qasam li jaqa' taħt din id-Direttiva.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija Indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-13 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kummissjoni

Loyola DE PALACIO

Vċi-President

L-ANNEX

1. L-Anness I għandu jiġi emendat kif ġej:

- (a) fil-Parti I, il-punt-6, il-kliem "jew irtirat" huma inseriti wara l-kelma "sospiżi";
- (b) Il-Parti II hija mibdula b'dan li ġej:

"Fattur ta' mira ġenerali

Il-bastimenti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala prijorità għal spezzjoni.

1. Bastimenti li jżuru l-port ta' Stat Membru għall-ewwel darba jew wara l-assenza ta' 12-il xahar jew aktar. Fl-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ukoll dawk l-ispezzjonijiet li jkunu ġew imwettqa mill-membri tal-MOU. Fin nuqqas ta' data approprijata għal dan l-iskop, l-Istati Membri għandhom jafdaw id-*data* Sirenac disponibbli u għandhom jagħmlu spezzjoni ta' dawk il-bastimenti li ma kinux irreġistrati fis-Sirenac wara d-dħul fis-seħħ ta' dik id-*database* fil-1 ta' Jannar 1993.
2. Bastimenti mhux spezzjonati minn xi Stat Membru fis-sitt xhur ta' qabel.
3. Bastimenti li ċ-ċertifikati statutorji tagħhom dwar il-kostruzzjoni u t-tagħmir tal-vapur, maħruġa skond il-konvenzjonijiet, u ċ-ċertifikati ta' klassifikazzjoni, ikunu nħarġu minn organizzazzjoni li m'hijiex rikonoxxuta taħt it-termini tad-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE tat-22 ta' Novembru 1994 dwar ir-regoli komuni u l-istandards għall-ispezzjoni tal-vapur u l-organizzazzjonijiet ta' sħarriġ u għall-attivitajiet rilevanti ta' amministrazzjonijiet marittimi (ĠU L 319, tat-12.12.1994, p. 20).
4. Bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat li jidher fit-tabella medja ta' matul tliet snin ta' żammiet u dewmien 'il fuq mill-medja u ppubblikati fir-rapport annwali tal-MOU.
5. Bastimenti li tħallew jitilqu mill-port ta' Stat Membru skond ċerti kundizzjonijiet, bħal:
 - (a) nuqqasijiet li jridu jiġu rranġati qabel it-tluq;
 - (b) nuqqasijiet li għandhom jiġu rranġati fil-port li jmiss;
 - (ċ) nuqqasijiet li jridu jiġu rettifikati fi żmien 14-il jum;
 - (d) nuqqasijiet li għalihom ġew speċifikati kundizzjonijiet oħrajn.

Jekk l-azzjoni relatata mal-bastimenti ttieħdet u n-nuqqasijiet kollha ġew irranġati, dan għandu jiġi meqjus.
6. Bastimenti li fir-rigward tagħhom ġew reġistrati xi nuqqasijiet matul spezzjoni preċedenti, skond in-numru ta' nuqqasijiet.
7. Bastimenti li inżammu f'port preċedenti.
8. Bastimenti li jtajru l-bandiera ta' pajjiż li ma rratifikax il-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti kollha imsemmija fl-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva.
9. Bastimenti li jtajru l-bandiera ta' pajjiż bi proporzjon ta' nuqqasijiet 'il fuq mill-medja.
10. Bastimenti bi klassi ta' nuqqasijiet 'il fuq mill-medja.
11. Bastimenti li huma f'kategorija li fir-rigward tagħhom ġie deċiż li għandha ssir spezzjoni mkabbra (skond l-Artikolu 7 ta' din id-Direttiva).
12. Bastimenti oħrajn li għandhom iktar minn 13-il sena.

Sabiex tiġi stabbilita l-ordni ta' prijorità għal spezzjoni tal-bastimenti elenkati hawn fuq, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra l-ordni indikata mill-fattur ta' mira ġenerali muri fis-sistema ta' informazzjoni Sirenac, skond l-Anness I, it-Taqsima 1 tal-MOU ta' Pariġi. Fattur ta' mira aktar għoli hu indikattiv ta' prijorità aktar għolja. Il-fattur immirat hu s-somma tal-valuri applikabbli tal-fatturi ta' mira kif definiti fil-qafas tal-MOU. Il-partiti 5, 6 u 7 għandhom japplikaw biss għall-ispezzjonijiet imwettqa fl-aħħar 12-il xahar. Il-fattur ta' mira ġenerali m'għandux ikun inqas mis-somma tal-valuri stabbiliti għall-partiti 3, 4, 8, 9, 10, 11 u 12.

Jekk fi żmien tliet xhur mill-introduzzjoni fil-qafas tal-MOU ta' valuri ġodda ta' fatturi ta' mira, il-Kummissjoni tkun tal-fehma li dawn il-valuri m'humiex xierqa, hija tista' tiddeċiedi, b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 95/21/KE li dawn il-valuri m'għandhomx japplikaw għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva."

2. L-Anness VIII il-ġdid qiegħed jiġi miżjud:

“L-ANNESS VIII

Il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni relatata maż-żammiet u l-ispezzjonijiet f'portijiet ta' Stati Membri.

(kif imsemmi fl-Artikolu 15)

- I. L-informazzjoni ppubblikata skond l-Artikolu 15(1) għandha tinkludi dan li ġej:
- l-isem tal-vapur,
 - in-numru ta' l-IMO,
 - it-tip ta' vapur,
 - it-tunnellaġġ (gt),
 - is-sena meta nbena,
 - l-isem u l-indirizz tal-propjetarju tal-vapur jew ta' l-operatur tal-vapur,
 - l-Istat tal-bandiera,
 - is-soċjetà ta' klassifikazzjoni, jew is-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni, fejn relevanti, li jkunu ħarġu għal dan il-vapur iċ-ċertifikati ta' klassi, jekk ikun hemm,
 - is-soċjetà ta' klassifikazzjoni, jew is-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni, u/jew kull parti li tkun ħarġet lil dan il-vapur xi ċertifikati b'mod konformi mal-konvenzjonijiet fisem l-Istat tal-bandiera, inkluża referenza għaċ-ċertifikati mogħtija,
 - in-numru ta' żammiet matul l-24 xahar ta' qabel,
 - il-pajjiż u l-port ta' żamma,
 - id-data meta tneħħiet iż-żamma,
 - it-tul taż-żamma, fi ġranet,
 - in-numru ta' nuqqasijiet misjuba u r-raġunijiet għaż-żamma, f'termini ċari u espliċiti,
 - meta l-vapur ikun soġġett għal rifjut ta' aċċess għal xi port ġewwa l-Komunità, ir-raġunijiet għal miżura bħal din, f'termini ċari u espliċiti,
 - indikazzjoni dwar jekk is-soċjetà ta' klassifikazzjoni, jew xi korp privat ieħor li wettaq l-istħarriġ relevanti kellux responsabbiltà fir-rigward tan-nuqqasijiet li wehldhom jew ma' oħrajn, wasslu għaż-żamma,
 - deskrizzjoni tal-miżuri li ttieħdu fil-każ ta' vapur li tħalla jkompli lejn l-eqreb post ta' tiswija approprijat, jew li ġie miċħud aċċess għal xi port fil-Komunità.
- II. L-informazzjoni dwar il-bastimenti spezzjonati, li għet ippubblikata b'mod konformi ma' l-Artikolu 15(2) għandha tinkludi dan li ġej:
- l-isem tal-vapur,
 - in-numru ta' l-IMO,
 - it-tip ta' vapur,
 - it-tunnellaġġ (gt),
 - is-sena meta nbena,
 - l-isem u l-indirizz tal-propjetarju tal-vapur jew ta' l-operatur tal-vapur,
 - L-Istat tal-bandiera,
 - is-soċjetà ta' klassifikazzjoni, jew is-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni, fejn relevanti li ħarġu lil dan il-vapur iċ-ċertifikati tal-klassi, jekk hemm,
 - is-soċjetà ta' klassifikazzjoni, jew is-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni, u/jew xi parti li ħarġu iċ-ċertifikati ta' dan il-vapur skond il-konvenzjonijiet fisem il-bandiera ta' l-Istat, li tinkludi referenza għaċ-ċertifikati maħruġa,
 - il-pajjiż, il-port u d-data ta' spezzjoni,
 - in-numru ta' nuqqasijiet, għal kull kategorija ta' nuqqasijiet.”